MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2012

Rikors Numru. 936/2012

**Giovanni Sidoti (karta ta' l-identita` Taljana bin-numru AS 0368168) rapprezentat mill-mandatarju specjali tieghu Adrian Delia (karta ta' l-identita` numru 299369)**

**vs**

**European Insurance Group Ltd**
**( C – 35708)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors promotur datat is-17 ta' Settembru, 2012, li permezz tieghu r-rikorrenti espona s-segwenti:

1. Illi b'sentenza tal-"*Collegio Arbitrale*", Taljan datata d-19 ta' Lulju, 2012, ir-rikorrenti kien kanonizzat kreditur tas-socjeta` ntimata fl-ammont ta' tlett mija u wiehed u tletin elf u tletin Ewro u tnejn u ghoxrin centezmu, (€331,30.22), ghal servizz ta' konsulenza

moghtija mir-rikorrenti lis-socjeta` ntimata u li tinkludi l-ispejjez legali nvoluti kif spjegat fl-istess rikors promotur;

2. Illi l-imsemmija sentenza hi wahda moghtija minn Stat Membru tal-Unjoni Ewropea – l-Italja - u hi ezegwibbli lokalment skont il-ligi, senjatament *ai term*ini tal-artikolu 38 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Numru 44/2001, li hu ta’ effett dirett f’Malta *ai termini* tal-Kap 460 tal-Ligijiet ta’ Malta u tal-artikolu 825A tal-Kap 12 tal-istess Ligijiet;

3. Illi konsegwentement l-istess rikorrenti jitlob li din il-qorti:

i. Tiddikjara li s-sentenza de quo fuq riferita moghtija mill-*Collegio Arbitrale* Taljan fid-19 ta’ Lulju, 2012, hi ezegwibbli bhallikieku kienet moghtija minn din il-qorti;

ii. Tordna li ghall-finijiet u effetti tal-artikolu 42 tal-istess Regolament fuq riferit, il-partijiet jigu mgharrfa bis-sentenza odjerna;

Ezaminat id-dokumenti prodotti nkluz is-sentenza in dizamina fuq riferita datata d-19 ta’ Lulju, 2012, (ara fol 4-25);

Rat ic-certifikat li d-dokumenti prodotti jissodisfaw il-precetti legali fuq riferiti;

Rat it-traduzzjoni tas-sentenza in dizamina;

Sodisfatta li r-Regolament tal-Kunsill (KE) Numru 44/2001 gie debitament rispettat:

1. Tiddikjara a tenur tal-imsemmi Regolament tal-Kunsill dwar gurisdizzjoni u rikonoxximent u

esekuzzjoni ta' sentenzi f'materji civili u kummercjali, li s-setntenza in dizamina datata d-19 ta' Lulju, 2012, mill-*Collegio Arbitrale* Taljan, hi esegwibbli bhallikieku kienet sentenza moghtija minn din il-qorti;

2. Tordna li l-partijiet jigu mgharrfa bis-sentenza odjerna u dan, *ai termini* tal-artikolu 42 tar-Regolament tal-Kunsill fuq riferit.

___________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------